# IL-GĦANJA TA' ĦARSA

*Ta'* ALFRED DEGABRIELE

"Ieqaf ftit!" ... U ħarist lura
Minn fejn donni smajt dal-kliem......
"Ieqaf ftit, u isma' l-Ġrajja
Ta' tegħmiża kollha sliem......"

"X'kien li mlejt qalbek bil-hena
F'din il-lejla x'ħin għaddejt?
Għax ħarist ħarsa kollh'għaġla
Għal xi s-sebgħa ta' bil-lejl?

"Minn xaqq bieb, raġġ dawl ta' bozza
Għadda jiġri f'par għajnejn.
Hawn iltaqgħu dlonk ħarsithom......
Ħadd ma nduna b'dawn it-tnejn!

"Ħriġt imgħaġġla bil-misthija
B'ras imgħaddsa ħamra nar;
Irsaqt siekta u ħrabt minn magħha
U mort niġri qisni far.

"F'dawl ħbub ċkejkna bħal ta' sidti,
Li rajt darba hawn fis-skiet.
Nkiss inkiss dħalt niġri f'qalbu
U għanejtu b'tislijiet.

X'ġarrbet qalbha f'dik is-siegħa
Malli ħarstu fiha ġriet!
U x'ħass huwa jiġri f'demmu
Kif lemaħha f'dak is-skiet!

"Oħroġ tfajjel! Hawn hi qiegħda
Quddiemnett tistenniek ġej!
Oħroġ ħieni! Bija, ħarsa,
Tista' tgħid li ġbart mal-lejl"!

"Hekk qed jgħaddu l-jiem sbieħ tagħhom:
Ħarsa 'l hawn u oħra 'l hemm......
Min qatt jobsor kif ninbidlu
Jien u ħarstu kollha demm!"

"Ieqaf ftit!"...... U ħarist lura
Minn fejn donni smajt dal-kliem......
Waqaft dlonk, u smajt il-ġrajja
Ta' tegħmiża kollha sliem!